TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 111/19/F

**Georgina Chircop**
**vs**
**Ventura General Gas Ltd. u Right Deal Ltd.**

Illum, 3 ta' Frar, 2020

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 t'Awwissu, 2019 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mija u erbgħin Ewro (€440), rappreżentanti l-prezz ta' friġġ li xtrat mingħand ir-Right Deal Ltd, pero' bil-garanzija ta' Ventura General Gas Ltd.

Is-soċjeta' ntimata Ventura General Gas Ltd u Right Deal Ltd attendew għas-seduta.

Is-soċjeta' ntimata Right Deal Ltd issottomettiet risposta bil-miktub għal din it-talba.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata Ventura General Gas Ltd. u Right Deal Ltd. li huma rappreżentanti ta' l-istess soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat friġġ u ma bdietx tkessaħ, u bdiet tfaqqa' u tagħmel il-ħsejjes.

L-intimat issottometta illi l-friġġ kien irranġaha, pero' t-tfaqqiegħ huwa normali minħabba l-fatt illi hija s-sistema tal-gas il-ġdid u jkun hemm il-pressure, pero' xorta qegħda tkessaħ.

It-Tribunal, jinnota li friġġ normali ma tagħmilx dan l-istorbju u jekk tagħmel dan l-istorbju, l-intimat kien obligat li jinforma lir-rikorrenti. Pero' jibqa' l-fatt illi l-friġġ qegħda tkessaħ u allura qed tiffunzjona tajjeb, illi hija kwistjoni ta' tfaqqiegħ biss.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mija u ħamsin Ewro (€150), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata Ventura General Gas Ltd., u b'dan illi l-friġġ tibqa' propjeta' tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**